1732

Teatru Manoel

# Jiena Nħobb Inti Tħobb

7, 8, 9, 10 ta' Frar 2014

STAĠUN TEATRU MALTI '14

# ĊITTADIN VASSALLI

IBBAŻAT FUQ "IL-ĦOLMA MALTIJA" TA' FRANS SAMMUT
ADDATTAT GĦAL PALK MINN TYRONE GRIMA
DIREZZJONI TA' MARIO PHILIP AZZOPARDI

12,13,19,20 APRIL 2014 FIT-8PM
WWW.TEATRUMANOEL.COM.MT

1732

## Teatru Manoel u
## Mario Philip Azzopardi
### jipprezentaw

# JIENA NĦOBB, INTI TĦOBB

Kitba ta' Simon Bartolo
Direzzjoni ta' Sean Buhagiar

7, 8, 9, u 10 ta' Frar 2014

STAĠUN TEATRU MALTI '14

Renova CONTINENTAL QUALITY The Chair People
Tel: (+356) 2144 8174 • Fax: (+356) 2148 5588 • Email: renova@maltanet.net

Domestica
DOORS • KITCHENS • BEDROOMS • SOFAS

signIt
DESIGN ■ PRINTING ■ ADVERTISING



# NOTA TAL- PRODUTTUR

***Mario Philip Azzopardi***

Illum ma tmurx it-teatru biex tara "storja". Iċ-ċinema u 't-televiżjoni ilhom issa jippreżentaw drammi li jagħtu gost lill-miljun ta' nies b'mod li t-teatru qatt ma jista jlaħħaq miegħu. Għalhekk biex jirnexxi, it-teatru irid ikun esperjenza unika li la 'ċ-ċinema u lanqas it-televiżjoni qatt ma jistgħu jaslu għalih. L'uniku mezz kif dan jista jsir huwa billi it-teatru jiffoka fuq is soċjeta ta madwaru u jgħin biex din l'istess soċjeta tkun tista tħares lejn mera biex b'hekk tkun tista aħjar tgħaraf lilha nnifisha f'drammi li jqisu u jgħarblu 'i-qalb, id-demm li jiġri fil-vini ta' ruħhom.

Iċ-ċinema li naraw ma' tantx tqis il-ħajja maltija u fit-televiżjoni għad hemm ħafna xogħol xi jsir biex jintlaħaq livell, kemm tekniku u artistiku, biex noħolqu forum fuq il-ħajja Maltija f'xogħolijiet artistiċi. Dan ix-xogħol jaqa f'ħdan it-teatru. Huwa hawn fejn ir-ruħ Maltija tista tiġi tqerr. Huwa hawn fejn aħna, l'udjenza, nisimgħu il-qrara. Huwa fit-teatru fejn l'artisti joffrulna mera biex nħarsu lejna nfusna. Issa jekk naċċettawx dak li naraw jew li jibqa f'idejna. Imma għal min irid iħares lejn dak li jolqot lilna bħala Maltin, bħala soċjeta matura, bħala ġens li jaf jgħaraf x'inhu tajjeb għalih innifsu mingħajr indħil politiku, religjuż jew soċjali, allura huwa f'swali bħal dan li sejjer/a issib dan id-djalogu li jirrispetta l'intelliġenza tiegħek.

Jiena ninsab kburi li sa l'aħħar ta' din is-sena, ser jkun irnexxieli, bl'għajnuna tat-Teatru Manoel, nippreżenta seba drammi godda, lkoll kemm huma dwar il-ħajja Maltija, oriġinali bl'ilsien Malti f'dawn l'aħħar ħames snin. Il-ħsieb huwa li għal ħames snin li ġejjin ser nippreżentaw ħmistax oħra. Dan ser ikun "record" kemm għat-Teatru Nazzjonali tagħna kif ukoll għal art twelidna.

Nirrigrazzja lil board tat-tmexxijja tat-Teatru Manoel, u kull min jaħdem hawn, speċjalment lill-Ray Attard li mingħajr id-dedikazzjoni tiegħu dan ix-xogħol kien jkun ħafna aktar diffiċli; Lill-MCCA għal għajnuna finanzjarja; lill Marti Therese li tieħu tant paċenzja biha kif ukoll lill Sean Buhagiar li issiħeb miegħi fix-xogħol li ma jintemm qatt f'ħdan is-sejħa tat-teatru, u miegħu lill-Clive Piscopo, u lill-Vanessa Attard li din is-sena ngħaqdu magħna biex nkomplu dan ix xogħol.



# KELMTEJN MID-DIRETTUR

***Sean Buhagiar***

Dan kien id-debut tiegħi bħala direttur fit-Teatru Manoel. Palk għal-qalbi ħafna, u hadt gost kbir. Ġietni tajba, għax l-iskript ta Simon tagħni l-opportunita nagħmel it-teatru li nemmen biħ illum, għax għada min jaf. Kien ta' pjaċir kbir għalija naħdem ma' Simon u ma' Mario aħna u ntuħ il-ħajja.

Irrid bis-saħħa, nirringrazzja minn qalbi lit-tim ta nies li aċċettaw li jkunu parti mil-proġett u li rikbu l-viżjoni tiegħi u tawha l-ħajja. Mingħarjom u mingħajr il-kast eċċelenti li għaqqadna, ma konniex naslu. L-atturi tiegħi ngħidihlom grazzi, grazzi tas-sehem onest tagħhom. Kburi li ħdimna flimkien. Grazzi ta kif irħejtu ruħkom, ta kif fdajtuni u ta kif imraħtu, għax hekk għamiltu. Mhux faċli taħdem b'mod professjonali fiċ-ċirkustanzi lokali, u dawn l-atturi, jiġri x'jiġri, ħaqqom jindilku biż-żejt, Se nitpaxxa nċapċpilkom kuljum.

Aħna għamilna l-almu tagħna. Nemmen li t-teatru f'Malta għad m'għandux ir-rispett li jistħoqlu. Irridu ninqataw mid-drawwiet ħziena u dejjem nagħmlu ħilitna biex nimxu l-quddiem saff wara saff. Taghna ħuwa tenttativ umli, izda nemmen li huwa tentattiv li jaf jibqa parti mil-għamara tat-teatru Malti; nispera li r-raġuni tkun l-esperjenza taghkom illejla, u mhux kontroversji perversi. Madanakollu, huwa tajjeb li t-teatru joħloq dibattu. Tistgħu ma taqblux, għax ma fittixniex bilanċ.  Jista joġħbkom illum jew jdardarkom għada. Għax kif jgħid il-Malti, d-dinja ħmerija, dak li taraħ sabiħ filgħodu, taraħ ikraħ filghaxija. Wara kollox, din biss storja li ridna nirrakuntawlkom biex forsi tibqa ftit magħkom.

Ma kienx l-iskop li ngħarxu kuxjenzi jew nwassalu messaġġi grandjużi, minkejja li t-temi huma temi jaħarqu bħalissa. Ridt biss, li flimkien nagħmlu l-almu tagħna biex tieħdu gost taraw u tesperjenzaw din l-istorja Maltija. Storja dwar l-imħabba. Wara kollox, min iħobb ibati, le? Insomma, ridna biss teatru li ma jibżax, li mhux giddieb, li huwa kontemporanju, u li jimpenja. Forsi xi ftit imqareb, xi daqqiet ardit. Izda fuq kollox, nispera, li huwa teatru li jaħdem għalikom.

***Bio:*** Sean Buhagiar għandu 27 sena' u jaħdem bħala professjonista fis-settur tal-arti u l-kultura. Huwa jaħdem bħala produttur, direttur artistiku u pratikkant tat-teatru. Għandu Masters fil-kreattivita performattiva minn universitajiet ġewwa Ruma, Pariġi u Poznan fejn għamel ir-riċerka tiegħu fil-kreattivita fl-arti. Sean beda l-karriera teatrali tiegħu bħala attur u tħarreġ mal-Malta Drama Centre. Ħadem fuq il-palk kemm lokali u dak barrani fejn ħadem għat-Teatru Manoel u fost l-aqwa kumpaniji lokali u dar l-Irlanda, l-Italja u t-Tuneżija.  Huwa ħadem bħala direttur teatrali fejn iderriġa għal Soundscapes, il-EUPA u l-festival tal-Evenings on Campus.

Sean huwa d-direttur artistiku ta' Notte Bianca, l-akbar avveniment fil-Belt Kapitali. Huwa involut ukoll fl-immaniġjar tal-kultur u anke l-industrja tal-films. Huwa jagħmel parti minn Dr Klown, proġetti ta' buffi fl-isptar u fundatur ta' ĊirkuMalta, l-ewwel ċirku kontemporanju Malti. Sean huwa involut fil-Fundazzjoni Avventura, il-proġett li jimmira biex jinkitbu xogħoljiet originali Malti bl-għajnuna ta' kittieba, diretturi, atturi u produtturi. Huwa ukoll associate producer tal-Istaġun tat-Teatru Malti.





# IL-KITTIEB

***Simon Bartolo***

Jiena nħobb nikteb u meta kważi sena ilu aċċettajt li noħloq dramm dwar koppja omosesswali li xtaqu jsiru ġenituri, immaġinajt li mhux se jkun suġġett faċli imma qatt ma bsart li se tkun daqshekk iebsa l-ħaġa. Nammetti li kont xi ftit naïve għax qatt ma kont ħsibt fl-ammont ta' diffikultajiet li koppja bħal din tista' tiltaqa' magħhom iżda fl-istess ħin ħadt gost nikteb dwar suġġett daqstant eċċitanti.

Hija ħaġa sabiħa li Malta qed tieħu pass enormi 'l quddiem bl-unjoni ċivili bejn il-koppji tal-istess sess, imma fejn tidħol l-idea ta' wlied, għad hawn reżistenza qawwija u dak li xtaqt nagħmel kien li nesplora s-sitwazzjoni permezz tal-karattri ta' dan id-dramm. Matul iż-żminijiet dbiddlu ħafna affarijiet fid-dinja iżda ħaġa li qatt ma tinbidel hi l-imħabba, fis-suriet varji tagħha, għax hija l-aktar ħaġa importanti. Kollox jiddependi fuqha. Mingħajrha ma aħna xejn. Jiena nispera li dan id-dramm irnexxili niktbu bl-imħabba li kien jistħoqqlu, mingħajr ma nwaqqa' jew nigglorifika ebda naħa tal-argument, ħlief l-injoranza u n-nuqqas ta' komprensjoni li f'soċjetà moderna u inklusiva, m'hawnx lokhom.

*Simon*

# L-ATTURI

| | |
|---|---|
| ***Pierre*** | Ray Calleja |
| ***Greg*** | Victor Debono |
| ***Johnny*** | Edmond Vassallo |
| ***Ian*** | Karl Cassar |
| ***Lisa*** | Marilu' Vella |
| ***Cynthia*** | Sharon Bezzina |
| ***Devin*** | Davide Tucci |
| ***Emily*** | Clare Agius |
| ***Ben*** | Roderick Vassallo |
| ***Maria*** | Ruth Borg |
| ***Luke*** | Jamie Cardona |
| ***Greta*** | Alexandra Camilleri Warne |
| ***Julie*** | Julia Camilleri |
| ***Pulizija 1*** | Clive Piscopo |
| ***Pulizija 2*** | Ben Camille |
| ***Showhost*** | Peppi Azzopardi |
| ***Monsinjur Frans*** | Charles Sammut |
| ***Personaġġ 1*** | Gilbert Formosa |
| ***Personaġġ 2*** | Lilian Pace |
| ***Surġent*** | Ralph Mangion |

***Grazzi Speċjali:***

Jelena Bezzina, Giselle McKenna, Paul Tanti

***Atturi minn Free Spirit Acting:***

Lorraine Dimech Genuis fil- parti ta' l- Attivista; Adrian Mifsud, Paul Caruana, Alexandra Farrugia, Joanna Camilleri, Edgar Cilia, Charlene Thornton, Mark Cassar, Josephine Bonello, Gloria Marston, Bernardette Spiteri, Nicole Azzopardi, Charlene Dutton, Jesmond Mizzi, Josette Agius, Chris Borg, Clara Cremona, Maria Cutajar, Priscilla Vella, Annabel Attard, Maria Vassallo, Kirsty Bartolo, Yurick Allison, Kurt Pawley, Julian Galea, Christian Grech, Anne Marie Abela, Lillian Ciappara, Glen Farrugia, Alan Attard

***Mużika***

| | |
|---|---|
| No Bling Show | Żulu minn Nofs |
| The Clockwork Ensemle | Rosary Beads |
| Ira Losco | Me Love You Long Time |
| Hunter's Palace | L- Oħxon u l- Irqiq |

***Prints***

Nadine Noko (Fid- dar ta' Lisa)
Kenneth Zammit Tabona (Fid- dar ta' Pierre u Greg)

| | |
|---|---|
| ***Associate Producer*** | Sean Buhagiar |
| ***Manager tal- Produzzjoni*** | Vanessa Attard |
| ***Direttur*** | Sean Buhagiar |
| ***Assistent tad- Direttur*** | Vanessa Attard |
| ***Xenografija*** | Adrian Mamo |
| ***Kostruzzjoni tas- Set*** | Mario Bartoli |
| | Marco Bartolo |
| | Christian Azzopardi |
| | Raymond Spagnol |
| ***Stage Manager*** | Frank Tanti |
| ***Disinn tad- Dawl*** | |
| ***Operatur tad- Dawl*** | Marvic Sultana |
| ***Taghmir tad- Dawl*** | AV Warehouse |
| ***Awdjo*** | Emerson |
| ***Disinn tal-Kostumi*** | Ernest Camilleri |
| ***Kostumista*** | Dorothy Ebejer |
| ***Props*** | Frank Vella |
| | Justin Axiaq |
| | Jason Vella |
| ***Make-Up u Xagħar*** | Jackie Grima |
| ***Make Up*** | Lara Licari |

freespirit ACTING

Intom mitluba titfu l- mobiles tagħkom u kull apparat elettroniku ieħor qabel ma tibda r- rappreżentazzjoni.




## Ray Calleja

Ray jirritorna fuq il-palk Malti wara nuqqas ta' ħames snin, fejn dan l-aħħar kien impenjat bi produzzjonijiet televiżivi u studji fl'Universita ta' Malta. Il-bidu tal-karriera tejatrali għall Ray bdiet fl-eta ta' għaxar snin, segwita b'involviment qawwi mal-kumpanija tejatrali Politeatru. Fost partijiet li ħadem ma' din il-kumpanija - Fernado Gomez fi Fuente Ovehuna, ta' Lope De Vega u Dr. Stockman f' Enemy of the People ta' Ibsen. Mal-grupp tejatrali XXX kien ħadem il-parti ta' Woyzeck ta' Georg Buchner u kemm Erodi u San Ġwann. Esperiment tejatrali ibbażat fuq Salome ta' Oscar Wilde. Ray kien ikoll id-direttur artistiku fis-serje televizivi, Is-salib tal-Fidda, Nirien ta' Mhabba u Rubini.

---

## Victor Debono

Victor  iggradwa mill-Akkademja ta' l- Arti Drammatika tal-Manoel imma  ħa  diversi tipi ta' training ieħor mal-Universita' ta' Perugia, u mal-Atalaya ta' Sevilja fost oħrajn. Minn dejjem ipprefera l-atmosfera u l-adrenalina tat-teatru milli dik tat-televiżjoni  u 'l-proġetti li ħoloq dawn l-aħħar snin alternaw bejn xogħlijiet aktar  esperimentali u oriġinali għal dawk aktar klassiċi u tradizzjonali. Pero, għalih, teatru li ma jgħid xejn ġdid għaz-żminijiet tal-llum mhuwiex espressjoni artistika.Rajnieħ f'dawn l-aħħar snin fi produzzjonijiet bħal-'Agamemmnon', 'Some Explicit Polaroids', 'Paul', 'Ohio Impromptu', 'Twelfth Night', 'Arsenic and Old Lace' , ' Olly's Prison' u il-film qasir Malti '.303' li ħa sehem fil-festival ta Palm Springs. Wieħed mil-proġetti teatrali għal-qalbu ta' żmien fejn kien għadu moħħ ir-riħ huwa 'Xi Ħaġa'- ibbazat fuq ix-xogħol teatrali 'La Chantatrice Chauve' ta' Ionesco, li ta bidu għal grupp teatrali jismu Aleateia- wieħed mil-fundaturi kien ukoll Simon li kiteb id-dramm li ħa taraw il-lejla!

 

## Edmond Vassallo

Edmond huwa attur/direttur iggradwat minn East 15 Acting School (Londra) wara erba' snin studju. Matul iż-żmien li għamel Londra, Edmond ha sehem f'diversi produzzjoniet fosthom The Fall of Man bħala Assistent Direttur li ttellgħet fil-Pleasance Courtyard waqt il-Festival Internazzjonali ta' Edinburgh fl-2009; kif ukoll f'Wake bħala attur/direttur mal-kumpanija Gomma Theatre fit-teatru Lakeside ġewwa Colchester. Esperjenzi oħra li ha sehem fihom Edmond ġo Londra huma: fil-musical Assassins bħala Zangara fit-Teatro Technis; f'Eat More a Sugar Now bħala Rodney fl-Space theatre; fi Snarl Up bħala Bill ġewwa Chigwell Theatre; f'The Women of Troy bħala Menelaus ġo Copped Hall bi produzzjoni "Site specific"; kif ukoll bħala soloist ġo Wicked Lipfil-Battersea Barge. Edmond ha sehem ukoll f'diversi films qosra. Edmond jinsab kuntent ħafna li l-ewwel produzzjoni min mindu ġie lura Malta hi Jiena Nħobb, Inti Tħobb.

## Karl Cassar

Jien Inħobb, Inti Tħobb hija t-tieni esperjenza teatrali ta' Karl Cassar ġewwa t-Teatru Manoel.  Kien propju bħal daż-żmien sena, li permezz tal-produzzjoni Blood Wedding (2013), Karl esperjenza l-eskluzzivata` li joffri dan it-teatru lil kull attur.

Karl huwa gradwat fl-Istudji Teatrali mill-Universita` ta' Malta. Matul l-istudji tiegħu Karl involva ruħu bis-sħiħ fl-istħarriġ tat-teknika fi ħdan Icarus Performance Project Malta u University of Prince Edward Island ġewwa l-Kanada.

L-esperjenza teatrali ta' Karl tinkludi RISK (2006), A Christmas Carol (2006), RISK: El Resgio de La Reina (2007), Bariona (2010), Osama the Hero (2011) u The Wizard of Oz Christmas Pantomime (2012).

 

## Marilu’ Vella

Marilu` Vella studjat it-Teatru fl-Universita` ta' Malta u ta' Canterbury fl-Ingilterra, fejn gradwat b'teżi fuq it-teatru politiku ta' Dario Fo. Hija studjat il-mużika għal diversi snin, qabel m’għaddiet għall-istudju tat-Teatru. Vella ħadmet għal tlitt snin mal-grupp ta’ Teatru Fiżiku Icarus Performance Project taħt id-direzzjoni ta’ Frank Camilleri u ħadet sehem fil-produzzjoni RISK: El Riesgo de la Reina fl-2007, li kienet parti mill-Malta Arts Festival. Fl-Ingilterra hija ħadet sehem f’żewġ produzzjonijiet, Nine Parts of Desireu verżjoni ta’ Antigone. Marilu` kellha sehem fl-ewwel feature film Malti, Kont Diga`, u għandha esperjenza fuq radju, televiżjoni u film, kif ukoll fil-mużika. Din hija t-tieni parteċipazzjoni tagħha fl-Istaġun tat-Teatru Malti; fl-2013 ħadet sehem fid-dramm 'In-Nisa Maltin Jafu Kif' ta' Clare Azzopardi.

---

## Sharon Bezzina

Sharon Bezzina bdiet titħarreġ fit-teatru fl'1999 fid-Drama Unit. Kompliet l-istudji tagħha f'diversi korsijiet hawn Malta kif ukoll ġewwa Londra, fosthom kors ibbażat fuq il-vuċi ma' Patsy Rodenburgh, u anke tħarġet fil-ġeneru tal-fiżiku u l-mima. Akkwistat Diploma fl-acting studies mill-LAMDA. Uħud mill-partijiet li nterpretat huma: Macbeth (Lady Macbeth), Medea, The Odd Couple, Ritratti Minn Berlin, Landscape, Edel Quinn, Cabaret, The Merchant of Venice, Caught in the Net, The Pillowman, Il Mistero Buffo, Deformis (teatru fiżiku), L-Għalliema, Ippermettili Nitlaq, The Misunderstanding, No Exit, The Rose Tattoo, one woman show 'Doreen', Juliet f'Romeo & Juliet, In-Nisa Maltin Jafu Kif u riċentament f'Pretty Lisa. Ħadet sehem fil-Cork u Dublin Fringe Festival.

 

## Roderick Vassallo

F'dawn l-aħħar għaxar snin, Roderick kien involut f'bosta proġetti teatrali fosthom: Minn wara l-ħajt tas-sejjieħ, it-Traditur, Disney Retuned, Act Without Words (I), Għadek tiftakru lil Dorian Gray, Drakula, A view from the Bridge, Għajn Eye Three, No Exit u bosta oħrajn. Flimkien ma' Shirley Blake u Neil Falzon, Roderick waqqaf il-kumpannija teatrali Troupe 18:45 u permezz tagħha kellu ċ-ċans jidderieġi xi xogħlijiet bħal The Matron of Ephesus (bil-latin) u jipproduċi xogħlijiet bħal 9 Parts of Desire u No Exit. Taħt id-direzzjoni ta' Josette Ciappara, Roderick kien ukoll involut fid-drammatiżżazzjoni ta' xi poeżiji ta' Anton Buttiġieġ u Dun Karm (fosthom Il-Jien u lil Hinn Minnu). Din hija l-ewwel darba li qed jaħdem ma' ħuħ Edmond fit-Teatru Manoel.

---

## Ruth Borg

L-affinita` li għanda Ruth lejn it-teatru u l-arti ilha hemm minn eta` żgħira. Bħalissa titħarreġ fit-teatru mat-Teatru Manoel Youth Theatre taħt id-direzzjoni ta' Denise Mulholland. Riċentament hi kienet titrennja ukoll għand Johane Casabene, The Dance Conservatoire u Masquerade Theatre Arts School fejn għamlet eżamijiet vokazzjonali. Dan is-sajf Borg ingħatat borża ta' studju biex tieħu sehem fl-Odin Week 2013 ġewwa d-Danimarka, fejn ħadmet mad-direttur u l-kittieb Eugenio Barba. L-Għarusa fi Blood Wedding (2013) Abraham Portman f'Peculiar Children (2013), Chorus fil-panto tal-MADC The Wizard of Oz (2013), Street Dance minn Krista Degaetano-Dance Dubai Company (2012), Chorus f'adattement ta' 'Joseph and the Amazing Technicolour Dreamcoat' minn Hoi Polloi (2011),'Cirque de Jazz'- Ziguzajg Festival u Natalia Popova fl-adattament ta' 'The Bear' ta' Anton Checkov, fost produzzjonijiet ohrajn. Borg attendiet wkoll diversi workshops l-iżjed riċenti huwa mal-famuzi Punchdrunk. Bħalissa qiegħda fit-tieni sena tagħha tistudja t-Teatru fl-Universita`ta' Malta u tippjana li ssegwi karriera fil-performing arts. Ruth kburija ħafna li se tingħaqad mal-kast ta' Jiena Nħobb, Inti Tħobb, tinterpreta il-parti ta' Maria.

 

## Davide Tucci

Davide Tucci twieled f'Sora, l-Italia fl-1987 fejn qatta l-ewwel snin ta' ħajtu qabel ġie jgħix Malta mal-familja tiegħu. Wara li daħal fix-xena tat-teatru bil-parti ta Georg fil-musical "Spring Awakening" beda jaħdem ma diversi fotografi u diretturi bħala mudell. Davide sar wiċċ familjari mal-Maltin wara tlett snin ta' xogħol kontinwu u bl-introduzzjoni fit-televiżżjoni bħala Valentino fis-serje televiżiva "La Famiglia". Fl-2012, Davide ħadem ukoll fuq teledrammi u shorts fl-Awstralja qabel ma rritorna Malta biex jaħdem il-parti ta' Clyde Montaldo fit-teledramm popolari "Katrina". Din is-sena ser jerġa jirritorna għal palk bil-parti ta Devin f'"Jiena Nħobb, Inti tħobb" fit-teatru nazzjonali ta' Malta.

---

## Clare Agius

Clare, preżentatriċi u produttriċi fuq it-TV lokali, għamlet id-debut tagħha t-Teatru Manwel fil parti ta 'Yerma', segwieta minn rwoli prinċipali bħal Juliet f''Romeo & Juliet', Portia f'The Merchant u Venice u Salome, fost oħrajn. Fit-teatru Clare kompliet tespandi u tieħu sehem f'xogħlijiet li ħaduha f'pajjiżi lil hinn minn Malta fosthom fil Biennale f'Ruma, fl'Edinburgh Festival, u f-festivals ġewwa Switzerland, Il Polonja, Belarussja, l'Indja u riċentement Londra fil proġett 'I could be Anyone' ma' l'attur Matthew Scurfield. Il-karriera fil-qasam teatrali u televiżiva għal Clare hija waħda kontinwa u wiesa. Fuq it-televiżjoni ħadet sehem f'diversi drama maltin b'dak l'aktar popolari u msemmija għalih 'Il-Madonna tac-Ċoqqa. Fiċ-Ċinema, fost rwoli f'films internazzjonali, insibu l'aktar riċenti u tant mistenni; il-film Simshar, fejn interpretat il parti principali ta Sharin.





## Jamie Cardona

Jamie huwa tfajjel ta '13-il sena minn Birzebbuga li minn dejjem wera li għandu passjoni għall-palk, kemm għar-rectar u anke għall-Kant. Beda jmur jitgħallem ikanta w jirreċta fl-eta' ta ' 4 snin. Dwar ir-reċtar: beda kors qasir tad-drama matul is-sajf, u tant ħa gost u wera entużjażmu, li xtaq ħafna li jkompli għaddej bid-drama. Għalhekk daħal id-Drama Centre fejn beda jitħarreg taħt għalliema kkwalifikati. Ta' 4 snin, kellu l-ewwel reċta inpenjattiva fit-Teatru ta' San Alwiġi B'Kara. Minn dak in-nhar baqa' jħares 'IL quddiem fil-qasam tat-teatru. Ħa sehem f'diversi drammi fl-Istitut Kattoliku, u fil-Kavallieri ta' San Gakbu, filwaqt li din hija r-raba' parteċipazzjoni tiegħu fit-Teatru Manoel. Beda jieħu sehem ukoll f'programmi fuq it TV u ta' 8 snin kellu partijiet importanti f'diversi serje Maltin bħal 'F'Salib it-Toroq', 'Emilja",' Katrina' u oħrajn. Ħa sehem ukoll f'Diversi films qosra, reklami televiżivi, 'music film videos' u għal sena sħiħa kien jippreżenta rokna għat-tfal ta ' kuljum fuq it-televiżjoni. Dan l-aħħar ħadem ukoll fil-film maħdum f'pajjiżna "Saul". F'Mejju 2012 Jamie ġie nnominat mid-Direttorat tat-Tagħlim Tul il -Ħajja għall-aħjar student fil-Kategorija tiegħu. Sadanittant huwa qed jistudja u jġib il-kwalifiki neċessarji mid-Drama Centre biex b'hekk ikompli miexi 'l quddiem u jitgħallem f'dan IL-qasam. Jiena Nħobb..Inti Tħobb bla dubju se tkun sfida oħra u esperjenza mill-isbaħ fil-karriera teatrali ta ' Jamie Cardona.

## Julia Camilleri

Julia Camilleri twieldet fl-1992 u kibret fir-Rabat, Għawdex. Minn ta' eta zgħira hi uriet interess fit-teatru u f'ħidma ma' diversi diretturi ħadet rwoli prinċipali f'produzzjonijiet bħal In Holland Stands a House(2007), Agnes of God (2011) u Little Red (2014). Julia hi trenjata fiż-żfin u ilha ħames snin membru tan- Naupaca Dance Factory, l-aktar magħrufin għal 'The Death of Snow White' (2012). Bħala parti mill-kor Laudate Pueri hi hadet sehem ukoll f'diversi opri u kunċerti kemm f'Malta u madwar l-Ewropa. Julia tinsab fl-aħħar sena ta' studju fix-xjenza biomedika fl-Universita ta' Malta.

 

## Alexandra Camilleri Warne

Alexandra hija tabiba ta' 27 sena. Irċeviet taħrig fir-reċtar ma' Stagecoach fejn magħhom ħadet sehem fit-teatru Manoel fil-Musical "The Wiz". Bdiet tirreċta ma' l-MADC ta' 14 il-sena fil-pantomima u ħadet sehem f'5 pantomimi flimkien ma "Death of a Doornail" riċentament ma' l-istess kumpanija. Għamlet il -parti ta' Janet fil-musical "The Rocky Horror Picture Show" ma' Masquearade. Ħadet sehem ukoll f'3 produzzjonijiet ma' Mellowdrama: 'My first Time', 'Talk 30 to Me" u "Fuente Ovejuna". Dehret ukoll f'diversi serje fuq it-TV fosthom "Dejjem Tieghek Becky", "Tghanniqa" u "Kristu tal -Kerrejja". Għal parti tagħha f'"Tghanniqa" ġiet nominatat għal Best Actress Award fil-Malta TV Awards ta' 2008. Alexandra tagħmel ukoll reklami fuq it- TV u radju. Tħobb titkellem fuq it-TV rigward suggett li hi tikkunsidra bħala importanti hafna: is-saħħa.

---

## Ben Camille

Ben Camille huwa mudell f'waħda mill agenziji prinċipali f'Malta '-Models M', kif wkoll attur f'rol prinċipali fis-sensila' Il-Klikka'. Ben irrapreżenta bosta ditti lokali ewlenin, fejn deher f'numru ta' ġurnali w fuq it-televiżjoni. Bħala mudell Ben irrapreżenta bosta ditti lokali ewlenin, f'ġurnali kif wkoll fuq it-TV. Minn barra dan Ben Camiile insibuħ wkoll wara il-camera bħala fotografu, b'mod l'iktar ħabriki għal rittrati tat-tiġijiet, b'sensila ta ittrati meħudin b'mogħod modern u naturali. B'hekk fis sena 2007 huwa waqaf il-kumpanija tiegħu capture.com.mt

 

## Clive Piscopo

Gradwat b'MA fil-Letteratura Ingliża u mħarreġ minn tutors tar-Royal Shakespeare Company fi Stratford-Upon-Avon, l-Ingilterra, Clive huwa għalliem tal-Ingliż kif ukoll attur, kittieb u direttur. Iddebutta bħala attur fit-Teatru Manoel fl-2007 u Jiena Nħobb, Inti Tħobb huwa d-disa' dramm tiegħu hemmhekk. Clive għadu kif rebaħ – għat-tieni sena konsekuttiva – il-Festival tat-Teatru Soċjali fid-Drama Centre permezz tad-dramm Inverżjoni, xogħol li hu ddirieġa u tella' mal-atturi tal-Freespirit Acting. Ix-xogħol għat-teatru jinkludi Meta Morna tal-Mellieħa, L-Indemonjati u Maltin Oħra, Filumena Marturano, Satira, L-Għanja taċ-Ċinju, La Matrona, A View from the Bridge, The Alchemist, Sinbad the Tailor, Macbeth, Pirates of the Mediterranean, u Caravaggio: L-Inkjesta. Għat-televixin, Clive kiteb Anġli: Kapitlu Ġdid, u ħa sehem fih u f'La Famiglia,Dellijiet, It-Tfal jiġu bil-Vapuri, La Farfalla, Erwieħ Imsakkra, u Kristu tal-Kerrejja. Clive huwa wieħed mid-diretturi ta' Freespirit Acting u jifforma parti minn Fundazzjoni Avventura, il-fundazzjoni li waslet biex jinkiteb id-dramm li se taraw illejla.

---

## Peppi Azzopardi

Peppi Azzopardi gradwa fl-istudju tat-teatru mill-MTADA. Ħadem, bħala attur, f'"diversi xogħolijiet teatrali. Kiteb u dderieġa diversi xogħolijiet għall-palk u kien għalliem tad-drama għal 14-il sena. Għal diversi snin għamel użu mit-teatru tat-triq li tratta diversi issues politiċi kontroversjali. Ħoloq "aħna jew m'aħniex, l-ewwel sensiela satirika li dehret fuq it-televixin Malti. Aktar tard ipproduċa programmi għat-tfal bħal "owkej". Mexxa timijiet ta' produzzjoni li pproduċew programmi ta' diskussjoni bħal Bir-rispett kollu u rasimbras. Illum jifforma parti mit-team li jipproduċi biografiji u xarabank li huwa l'unika programm televiziv li jagħti spazju lin-nies isemmu leħinhom bla ma' jkunu mistiedna.

 

## Charles Sammut

Wara li ggradwa mill-Akkademja tal-Arti tat-Teatru Manoel (MTADA), Charles Sammut ħa sehem f'diversi produzzjonijiet teatrali kemm hawn Malta u anke f'pajjizi barranin li jinkludu Blood Wedding, Hitan, Cosi, Antigone, Twelfth Night, Inbid ta' Kuljum, It-tfal Jiġu Bil-Vapuri, Pupu Fil-Baħar fost l-oħrajn. Huwa wkoll wieħed mill-membri li waqqfu l-grupp teatrali KAST li għandu l-għan li jaddatta letteratura oriġinali bil-Malti għall-palk. Huwa kien għalliem tad-drama għal ħafna snin u mexxa ħafna gruppi ta' student f'festivals tad-drama f'Malta u anke pajjiżi barranin. Charles huwa attur fuq it-televiżjoni u ħa sehem f'diversi teleseries bħal Angli, Xhud, Delitti f'Malta u Salib it-Toroq. Charles ukoll ħa sehem f'films barranin għaċ-ċinema u televiżjoni fosthom Agora.

---

## Ralph Mangion

Għal dawn l-aħħar 25 sena Ralph u l-aktar assocjat ma' L-MADC u hu isem sinonimu fejn jidħlu 'Musicals u Pantomimi' ma' dan il-klabb kif jidher hawn: Erbatax il – Pantomima fost l-aktar msemmija - Peter Pan 1992 bħala Big Chief, Jack & the Beanstalk, Beauty & the Beast, bħala Gwido de Seychell f' Aladdin, bħala s-Suldat Fairy f' Alison Wonderland, bħala Zeus f' Hercules, bħala Re f' Snow White u Sleeping Beauty, t-Tabib Mignun f'Pirates of the Mediterranean, bħala s-'singing Minstrel' f' Sinbad the Tailor, bħala Jacob Marley f' Scrooge, bħala Re Primus f' Princess & the Pea u bħala l-Iljun Goddard fil-Wizard of Oz.Shakespeare – (MADC) bhala Lord Lennox f' Macbeth. Kummiedji – It Won't Be Alright On Then Nigh; Loot u School for Scandal Musicals - (MADC): Joseph & the ATD, bhala Curly McLane f' Oklahoma, bħala Ralph Rackstraw f' HMS Pinafore'; (Actreact) : bħala Juan Peron f' Evita, Joseph & the ATD, bħala l-Kuntistabbli f' Fiddler on the Roof, Ziju Max f' Sound of Music, u Mr Lyons f' Blood Brothers u bhala Juda/Pietru f' Godspell; Hoi Polloi: bħala Potiphar u l-akbar fost l-aħwa Reuben f' Joseph & The ATD. TV: Undercover, Wenzu fi Tfal Jigu Bil-Vapuri u bħala Joe DeGiorgio fi Klikka li qed tintwera bħalissa.





## Lilian Pace Vassallo

Lilian bdiet tirreċta fi programmi tat-tfal u radjudrammi fuq ir-Rediffusion u ta' 16-il sena ħadet sehem l-ewwel darba f'teledramm fuq Television Malta. Bejn 1980-82 Lilian segwiet kors tad-drama fl-Akkademja tal-Arti Dramatika tat-Teatru Manoel u kif spiċċatu kienet membru-fundatur tal-grupp teatrali Actors' Studio li kien immexxi minn Joe Borg Ghigo. Minn dak iż-żmien Lilian ħadet sehem kemm fi drammi bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti ma' ħafna kumpaniji u fi rwoli differenti bħal Eva Braun f'"Summit Conference", Agave f'"The Bacchae" u ħafna oħrajn. Hija kellha sehem ukoll f'partijiet fuq stazzjonijiet televiżivi lokali u wkoll l-opportunita' li taħdem fuq il-palk barra minn Malta f'Moska u Sqallija.

---

## Gilbert Formosa

Gilbert beda bħala attur fir-raħal tiegħu ta' Fleur-de-lys meta kellu seba snin, qabel kompla f'aspetti oħra tat-teatru li jinkludu script-writing, disinn ta' settijiet u direzzjoni. Hu kien student tal- London Academy of Music and Dramatic Arts (LAMDA). Gilbert kellu partijiet diversi f'produzjonijiet televiżivi li jinkludu parti prinċċipali f'"Is-Sigill tal-Qrar". Ħa sehem f'bosta produzzjonijiet teatrali li jinkludu "Meta Jintefa d-Dawl" f'Sir Temi Zammit, tal-Qroqq, "Avukati 247" l- MITP, "Madame X" fit-teatru Manoel, Dari Dari ġewwa Ta' Qali u "Plautus Strait" fl-Splendid ġewwa Strada Stretta. Gilbert ħa sehem ukoll f'diversi produzjoniet li ttellgħu waqt Notte Bianca u attivitajiet kulturali oħra.

---

## Elton Zarb
## Mużika

Mużiċist b' esperjenza vasta, Elton għandu 'l fuq minn ħmistax-il sena esperjenza fil-produzzjoni tal- mużika u x- xandir. Illum huwa jmexxi kumpanija tiegħu, Freetime Productions, li hija kumpanija stabbilita fis-settur tal-mużika u b' recording studio tagħha.



**Dorian Mallia**
**Korjografija**

Dorian Mallia studja Malta taħt Johane Casabene kif ukoll barra min Malta fl-Urdang Academy - Covent Garden, Central School of Ballet -Londra u l-Hungary State Academy - Ungerija. Dorian huwa Visiting Lecturer fi ħdan l' Universita ta' Malta (School of Performing Arts) u Head of Ballet ma' Dance Project - Malta. Mallia zifen f'kumpaniji internazjonali bhal RBR Compania di Danza - Verona, LaMov Compania di Danza - Spanja, European Ballet - Londra, Paganini - Italja u MavinKhoo Dance - Singapore. Mallia huwa d-direttur ta' Moveo Dance Company li mill-2008 ħoloq koreografiji bħal One Funny Ballet u Blooming Creature għal ZiguZajg , Triple Bill u Tango#2 għal Notte Bianca, Fabrics, The Picture of Dorian Gray u produzzjonijiet oħra.



# ABOUT TEATRU MANOEL

The Theatre was built in 1731 by António Manoel de Vilhena, Grand Master of the Knights of Malta. He commissioned and personally funded the construction of this central building to keep the young knights of the Order of St. John out of mischief but also to provide the general public with "honest entertainment". This motto, "ad honestam populi oblectationem" is inscribed above the main entrance to the theatre. The first ever performance was Scipione Maffei's La Merope on the 19th January 1732.

Teatru Manoel was originally known as Teatro Pubblico. Under British rule it became the Theatre Royal, a title it lost in 1866 to its new rival, the much larger Royal Opera House, which was heavily damaged in World War II.

As Malta's national theatre, the Manoel, as it is affectionately referred to by locals, is one of the main contributors to the development of the local cultural scene. Grandmaster António Manoel de Vilhena's original objective for the Theatre has developed significantly from just providing honest entertainment to the public. Today, the Manoel's mission is to entertain, inform and educate, thereby enriching the cultural life of the audience as well as to provide a platform for artists to excel in their talents. It is committed to the presentation of quality artistic productions, to the creation of new audiences for music and drama genres, and to provide a principal platform for local and international artists.

## Board of Directors

| | |
|---|---|
| ***Chairman*** | Michael Grech |
| ***Deputy Chairma*** | Kenneth Zammit Tabona |
| ***Members*** | Wilfred Kenely<br>Karen Miller<br>Charlotte Stafrace |
| ***Board Secretary*** | Johnathan Abela |
| ***Chief Executive Officer*** | Ray Attard |
| ***Music Director*** | Brian Schembri |
| ***Drama Consultant*** | Simone Spiteri |
| ***Arts Education Consultant*** | Rosetta de Battista |

## Booking Office

***Opening hours***

Monday to Friday: 10:00 – 13:00
17:00 – 19:00

Saturday: 10:00 – 13:00

***Reservations***

Tel: 21246389

***Online bookings***

www.teatrumanoel.com.mt
bookings@teatrumanoel.com.mt

Latecomers will be requested to wait for the first suitable break in the programme before being ushered in by a member of the staff. The Management reserves the right to alter the programme and the performance time of any production.

mediterraneanbank wealth management · savings · investments
Island CATERERS
GatoNegro IT'S ALL HAPPENING!
PHOENICIA HOTEL MALTA
CULTURE CARD

unifaun THEATRE PRODUCTIONS

RATING: 14

# Double Fo

Two plays by Dario Fo

TRANSLATED BY JOSEPH FARRELL

## THE VIRTUOUS BURGLAR
(NON TUTTI I LADRI VENGONO PER NUOCERE)

and

## MARCOLFA



Directed by Chris Gatt

Alan Montanaro
Alan Paris
Philip Stilon
Mikhail Basmadjian
Magda Van Kuilenburg
Coryse Borg
Charlotte Grech



**TEATRU MANOEL**
**VALLETTA**
**29, 30 MARCH**
**4-6 APRIL 2014**

TEATRU MANOEL

maltatoday EDEN CINEMAS 89.7 Bay

TICKETS: BOOKINGS@TEATRUMANOEL.COM.MT
OR CALL ON 21246389





THE AV WAREHOUSE

AUDIO · LIGHTING · PROJECTION · STAGING

The AV Warehouse, Triq is-Siggiewi, Zebbug ZBG2300
+356 2742 9200 / +356 9942 9200
info@theavwarehouse.com www.theavwarehouse.com

ADG EUROPE PRESENTS TNT THEATRE BRITAIN IN

ROBERT LOUIS STEVENSON'S

# DR JEKYLL AND MR HYDE

DIRECTED BY PAUL STEBBINGS



## APRIL 7TH & 8TH 2014
## LIVE STAGE PERFORMANCE

THE MULTIPURPOSE THEATRE,
EDEN CINEMAS, ST. JULIANS.

SHOW STARTS AT 8PM

SUITABLE FOR AUDIENCES OF ALL AGES

**PRICE: €20 ADULT;
€12 CHILDREN**

TICKETS CAN BE PURCHASED
FROM THE EDEN CINEMA BOX OFFICE,
OR BY VISITING
WWW.EDENCINEMAS.COM.MT

SMART CARD ACCEPTED

CULTURE CARD

EDEN CULTURE

EDEN CINEMAS

ADAPTED FOR THE STAGE BY PAUL STEBBINGS & PHIL SMITH | ORIGINAL MUSIC BY PAUL FLUSH | CHOREOGRAPHED BY ERIC TESSIER-LAVIGNE | PRODUCED BY GRANTLY MARSHALL

www.teatrumanoel.com.mt